5 ta' Marzu, 1965

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., LL.D., B.A., President.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**

Peter Cassar Torreggiani

*versus*

Joseph Rossignaud fil-kwalita tiegħu bħala
Direttur tal-Emigrazzjoni Xogħol u Għajnuna Soċjali.

**KWISTJONI TA' LIĠI — JEW TA' FATT — APPELL MID-DEĊIŻJONI TA' L-ARBITRU TAĦT L-ATT TAL-1956 DWAR IS-SIGURTA NAZJONALI.**

*Ma hemm xejn aktar diffiċli milli tiddeċidi fejn hi l-linja ta' demarkazzjoni bejn il-kwistjonijiet ta liġi u l-kwistjonijiet ta fatt u ebda kriterju żgur ta' distinzjoni fl-astratt ma jidher li qatt ġie stabilit.*

Il-Qorti,

Dan hu appell mid-deċizzjoni ta' l-Arbitru mogħtija fil-11 ta' Settembru, 1965 li biha rritiena illi Peter Cassar Torreggiani ma kellux dritt li jappella lilu mid-deċizzjoni tad-Direttur tat-3 ta' Ottubru, 1962.

L-imsemmija deċizzjoni ta' l-Arbitru hi kif riportata hawn taħt —

Id-deċiżżjoni tiegħu hija li Peter Cassar Torreggiani

ma għandux dritt jappella mid-deċiżżjoni tad-Direttur li l-korriment li l-istess Peter Cassar Torreggiani sofra fit-8 ta' Lulju, 1960, ma kienx kaġonat minn disgrazzja li ġrat minħabba jew fil-kors ta' l-impieg tiegħu u li in konsegwenza mhux intitolat għal benefiċċju għal-korriment.

Peter Cassar Torreggiani fl-14 ta' Settembru, 1960, għamel talba għal-benefiċċju għal korriment u fuq il-formola ta' l-applikazzjoni huwa ddikjara li kien tilef driegħu tal-lemin bħala konsegwenza ta' disgrazzja li ġratlu fit-8 ta' Lulju, 1960, minħabba u fil-kors ta' l-impieg tiegħu. Din it-talba ġiet oriġinarjament aċċettata mid-Direttur u Peter Cassar Torreggiani rċeva benefiċċju għall-korriment għall-perijodu kemm dam l-Isptar, ċioe 43 ġurnata, bis-6s/3d kuljum u sussegwentement ġiet mogħtija lilu pensjoni għall-inkapaċita permanenti bir-rata ta' 23s/9d fil-ġimgħa bażata fuq inkapaċita stmata 80 fil-mija. Sussegwentement id-Direttur irreveda l-imsemmija deċizzjoni tiegħu u b'deċiżżjoni oħra tat-3 ta' Ottubru, 1962 ċaħad it-talba tal-imsemmi Peter Cassar Torreggiani billi rritiena li l-korriment fuq imsemmi ma kienx kaġonat minn disgrazzja li ġrat minħabba jew fil-kors ta' l-impieġ tal-istess Peter Cassar Torreggiani. L-imsemmi Peter Cassar Torreggiani issa qiegħed jappella minn dik id-deċiżjoni.

L-artikolu 43 (1) tal-Att tal-1956 dwar is-Sigurta Nazzjonali jipprovdi li appell għandu jmur quddiem l-Arbitru minn deċiżżjoni tad-Direttur fuq xi punt ta' liġi jew prinċipji ta' importanza li jitqanqal dwar xi deċiżżjoni ta' xi kwistjoni taħt l-artikolu 10 jew xi talba taħt l-artikolu 41. Wara matura riflessjoni tal-każ miġjub quddiemi, jiena ma deherlix li stajt insib xi punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza li jitqanqal mill-imsemmija deċiżżjoni tad-Direttur u għalhekk fil-fehma tiegħi dik id-deċiżżjoni ma tidhirx

li hija appellabbili skond l-imsemmi Att. Huwa veru li d-Direttur ma ssollevax dina l-eċċezzjoni preliminari pero ma naħsibx li jista jkun hemm dubbju li meta fil-fatt ebda punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza ma jitqanqal minn deċiżżjoni ta' Direttur huwa dover tal-istess Arbitru li jissolleva 'ex officio' dina l-eċċezzjoni.

Jiena għidt lid-Deċiżżjoni tad-Direttur ma tqanqalx fil-fehma tiegħi ebda punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza. Infatti skond kif naraha jiena l-unika u vera kwistjoni li jiena ninsab mitlub niddeċiedi u li minnha jiddependi kollox hija x'kienet tikkomprendi verament l-isfera tax-xogħol ta' Peter Cassar Torreggiani bħala *Laboratory Assistant*. *U fil-*fatt dina l-kwistjoni hija dejjem il-kwistjoni bażi biex wieħed jiddeċiedi jekk persuna f'każ ta' korriment għandux jew le dritt għall-benefiċċju dwar disgrazzja tax-xogħol. It-test bażi huwa dejjem in-natura, il-kondizzjonijiet, l-obbligazzjonijiet u l-inċidenzi tax-xogħol (employment) tal-persuna li tkun korriet, fil-każ in ispeċie dana t-test jikkonsisti filli wieħed jeżamina n-natura li l-iskop tax-xogħol ta' Peter Cassar Torreggiani u jgħid **il-Willis** (Workmen's Compen-*sation, 33rd* Edition, Page *21*): "*The issues involved in* determining whether an accident arose out of and in the course of the employment are mainly issues of fact but in part are questions of law. The nature and scope of the employment when these do not depend upon the construction of a document, such as rules . . . are questions upon which the findings are of fact . . . " Lanqas jista jingħad li fil-każ in ispeċie ġie lili presentat xi dokument kostitwenti l-kuntratt ta' servizz ta' Peter Cassar Torreggiani jew xi regolamenti, relativi għall-impieg tiegħu u li dwar dan il-kuntratt jew dawna r-regolamenti qamet quddiemi xi kwistjoni ta' interpretazzjoni tagħhom. Huwa veru li l-partijiet fin-noti tal-osservazzjonijiet tagħhom għamlu riferenza

għall-artikolu 20 ta' l-Att fuq imsemmi u ssottomettew xi *osservazzjonijiet dwarhom. Pero fil-fehma tiegħi l-applikabbilita* o meno tal-imsemmi artikolu 20 tiddependi dejjem mill-kwistjoni fuq prospettata li hija kwistjoni ta' fatt u jekk id-Direttur iddeċieda l-kwistjoni ta' fatt billi rritiena li dak li kien qed jagħmel Peter Cassar Torreggiani meta ġrat id-disgrazzja ma k'enx jidħol fl-isfera tax-xogħol tiegħu huwa evidenti li ma tista tinqala qatt ebda kwistjoni ta' interpretazzjoni dwar l-artikolu 20 tal-Att fuq imsemmi in kwantokke l-premessa tal-applikabbilita ta' dana l-artikolu hija li dak li kien qed jagħmel il-persuna assikurata meta ġrat id-disgrazzja sija pure bi ksur ta' xi liġi applikabili għall-impieg tagħha jew ta' xi ordni maħruġ mill-prinċipal tagħha jew mingħajr istruzzjoni tal-prinċipal tagħha kien jidħol fl-isfera tax-xogħol tal-istess persuna assikurata. Jibqa għalhekk dejjem li l-kwistjoni quddiemi hija waħda ta' fatt kif intqal aktar il fuq u minn kwistjoni ta' fatt skond l-Att fuq imsemmi ma hemmx appell ammenokke dak il-fatt ma jqanqalx xi prinċipju ta' importanza. Ma hemmx bżonn wieħed iżid li kwistjoni ta' fatt tibqa l-istess mhiex appellabbli anki jekk intimament l-Arbitru jħoss li huwa dwarha kien jasal għal konklużżjoni differenti minn dik li wasal għaliha d-Direttur.

Għal dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' importanza meta wieħed jikkunsidra kif dawna l-kliem ġew interpretati f'żewġ sentenzi mogħtija mill-Arbitru (Deċizzjonijiet Nri. NI/3/57 u NI/6/58) jiena nasal għall-konklużżjoni li fil-każ in ispeċie dana l-prinċipju ta' importanza ma jeżiżtiex għaliex sabiex ikun hemm prinċipju ta' importanza mhux biżżejjed li l-kwistjoni tista titqanqal f'każijiet numerusi imma hemm bżonn li minn dawn il-każi numerusi wieħed jista jasal għal *enunċjazzjoni ta' regola waħda jew ta' prinċipju wieħed* li joħroġ minnhom.

"Għal dawn il-raġunijiet niddeċiedi li Peter Cassar Torreggiani ma għandux dritt jappella mid-decizzjoni tad-Direttur."

Issa bl-appell lil din il-Qorti l-appellant Peter Cassar Torreggiani qed jitlob li dik id-deċiżżjoni ta' l-Arbitru tiġi revokata u jiġi, minn flok, dikjarat u deċiż illi d-deċiżżjoni tad-Direttur in kwistjoni hi skond il-liġi appellabili quddiem l-*Arbitru sija għaliex tinvolvi punt ta' liġi kif ukoll għaliex* tinvolvi prinċipju ta' importanza kbira u jiġi ordnat li l-każ jitkompla u jiġi deċiż mill-Arbitru fil-meritu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat nomine.

L-appellat irrisponda illi d-deċizzjoni tal-Arbitru hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Il-Qorti, wara li rat l-inkartament tal-każ u semgħat it-trattazzjoni, ikkunsidrat —

Li l-appellat kien korra fit-8 ta' Lulju, 1960. Fl-14 ta' Settembru — kif jingħad fid-deċiżżjoni ta' l-Arbitru — hu għamel talba għall-benefiċċju għall-korriment u fuq il-formola ddikjara li kien tilef driegħu tal-lemin bħala konsegwenza tad-disgrazzja. Din it-talba ġiet aċċettata mid-Direttur u l-appellant irċeva benefiċċju għall-korriment għall-periodu kemm dam l-Isptar, ċioe 43 ġurnata, u sussegwentement ġiet mogħtija lilu pensjoni għall-inkapaċita permanenti ta' 80 fil-mija.

In segwitu d-Direttur bagħat lill-appellant l-ittra tat-3 ta' Ottubru, 1962 li, fil-parti l-aktar rilevanti tagħha tgħid hekk:

"I am to refer to your claim for injury benefit

dated 14th September, 1960 and to inform you that it has been decided that the injury you sustained on the 8th July, 1960 was not caused by an acident which arose out of and in the course of your employment and that consequently you were not entitled to injury benefit and disablement pension as the provisions of No. 19 of the National Insurance Act were not satisfied." Din hi deċiżżjoni tad-Direttur li minnha sar appell lill-Arbitru.

Presumibilment din id-deċiżżjoni ttieħdet mid-Direttur bis-saħħa tal-Artikolu 45 tal-Att li jgħid illi

"The Director . . . having given any decision on any claim . . . may revise that decision if he is satisfied —

(a) that it was given in ignorance of or was based on a mistake as to some material fact; or

(b) that since the date of the decision there has been a relevant change of circumstances, and may give a revised decision to have effect from such date as he may determine.

Qabel ma tgħaddi oltre, il-Qorti tħoss li għandha tgħid illi, deċiżżjoni tad-Direttur formulata kif kienet din skond l-estratt mill-ittra riportat hawn fuq, ċioe fil-kliem biss "it has been decided that the injury . . . was not caused by an accident which arose out of and in the course of your employment and that consequently you were not entitled to injury benefit and disablement pension as the provisions of Sec. 19 of the Act were not satisfied", hi, fil-fehma tal-Qorti, insoddisfaċenti, partikolarment trattandosi ta' deċiżżjoni taħt l-imsemmi Art. 45.

F'din id-deċiżżjoni hekk formolata l-artikolu 45 anqas

hu biss ċitat: imma mill-korrispondenza li għaddiet wara u speċjalment mill-proċeduri quddiem l-Arbitru jidher illi d-Direttur ħa dik *id-deċizzjoni taħt il-paragrafu (a) ta' dak* l-artikolu. Biex id-Direttur jista jirrevedi deċizzjoni li jkun ta qabel taħt dak il-paragrafu jinħtieġ illi hu "jkun sod-disfatt" illi "dik id-deċizzjoni kienet ingħatat fl-injoranza ta' xi fatt rilevanti (material) jew kienet ibbażat fuq żball *dwar xi fatt simili. Issa, fid-deċiżżjoni in kwstjoni*, xejn assolutament ma jingħad dwar x'kienet ir-raġuni li ġiegħelet *lid*-Direttur jasal għaliha, jingħad biss — u b'mod 'impersonali' — "it has since been decided." Xejn ma jingħad dwar liema kien fil-fehma tiegħu l-fatt rilevanti jew fatti rilevanti *li l-injoranza tagħhom jew l-iżball dwarhom kienu* kkaġonaw l-ewwel deċiżżjoni. Anqas hu magħruf, jew jista mid-deċiżżjoni in kwistjoni jkun magħruf, x'kien għamel id-Direttur biex "jissodisfa ruħu" mir-raġuni li nduċetu jirrivedi *d-deċiżżjoni ta' qabel. Ma jidherx, per eżempju, illi* l-appellant jew xi ħadd għalih kien ġie mogħti l-opportunità li jispjega ruħu jew jesponi l-fatti u r-raġunijiet tiegħu. Ċertament hu veru illi l-liġi ma tippreskrivi espressament ebda mod partikolari kif id-Direttur għandu "jissodisfa ruħu". Iżda l-Qorti taħseb — mingħajr ma f'dan l-istadju *tippronunzja ruħha fuq dan il-punt* — illi ċerti *prinċipji ma* għandhomx jiġu injorati għal kollox.

*Fl-ittra tat-3 ta' Otturbru, 1962 li biha ġiet komunika*ta lill-appellant id-deċiżżjoni tad-Direttur, issa impunjata, l-appellant ġie mgħarraf illi jekk hu ma jaqbelx magħha hu seta jappella lill-Arbitru u li dan l-appell seta jsir biss fuq kwistjoni ta' liġi jew xi prinċipju ta' importanza. Din hi raġuni li, se non altro, għaliha d-deċiżżjoni tad-Direttur suppost tagħti indikazzjoni, ċara anke jekk fil-qosor, talbażi li fuqha d-deċiżżjoni tkun ittieħdet. Il-Qorti taħseb li għandu jkun ċar illi persuna insodisfatta b'deċiżżjoni tad-

Direttur ma tistax tkun taf jekk hemmx lok ta' l-appell minnha fin-nuqqas ta' ebda indikazzjoni tar-raġunijiet li fuqhom id-Direttur ikun ibbaża d-deċiżżjoni tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti dawn ir-raġunijiet ma għandhomx jirriżultaw biss waqt u wara li jsir appell.

Intant, issa mill-memorandum li d-Direttur issottometta *lill-Arbitru jidher illi r-raġuni li minħabba fiha hu ħassar* id-deċiżżjoni ta' qabel kienet li hu "sar jaf li Peter Cassar Torreggiani ma kienx impjegat mas-St. George's Flour Mills iżda kien jaħdem fl-uffiċċju ċentrali tad-Ditta Cassar Co. Ltd. bħala Laboratory Assistant. Minn meta sar jaf dan, id-disgrazzja li Peter Cassar Torreggiani kien sofra ma setgħatx iżjed tiġi konsiderata li ġrat minħabba x-xogħol għar-raġuni li l-azzjoni li kienet il-kawża immedjata tad-disgrazzja ma kienetx tifforma parti mix-xogħol ta' l-apellant fil-kapaċita tiegħu ta' Laboratory Assistant". F'dan il-memorandum jissokta jingħad illi bħala Laboratory Assistant l-appellant ma kienx "dovut" jillibera lill-paletta, waqt li l-makna kienet qegħda taħdem parti mittaħlita li kienet weħlet mar-'rotating blades': din kienet kompetenza ta' impjegat ieħor li kellu x'jaqsam mal-funzjonament tal-makna. B'din l-azzjoni Peter Cassar Torreggiani oltrepassa l-isfera ta' l-impieg li tikkomprendi biss direzzjoni dwar in-natura u l-kwalita ta' l-ingredjenti li għandhom jintużaw u sorveljanza fuq il-mod kif l-ingredjenti għandhom jitħaltu sabiex *it-taħlita* ssir sewwa. Meta Peter Cassar Torreggiani ra li l-ingredjenti ma kienux qegħdin jitħaltu sewwa bil-makna d-dover tiegħu kien biss li jagħti istruzzjonijiet biex jittieħdu passi meħtieġa ħalli d-difett jiġi rimedjat u mhux li jagħmel kif għamel."

*Issa*, s'intendi, il-kwistjoni li għall-mument qegħda quddiem din il-Qorti mhiex il-kwistjoni tal-meritu, ċioe l-

kwistjoni jekk — meħud rigward tal-provi li saru, speċjalment tax-xhieda ta' l-istess appellant, u tal-Maġġur Austin Cassar Torreggiani, għandux jingħad illi d-disgrazzja ġrat minħabba l-impieg tal-appellant. Għall-mument il-kwistjoni hi biss jekk id-deċiżżjoni tad-Direttur kienitx tqajjem punt ta' liġi jew prinċipji ta' importanza li — fil-każ il-wieħed jew l-ieħor — kien jirrendiha appellabbili quddiem l-Arbitru.

L-ewwelnett l-appellant jissottometti illi mill-ewwel kliem tal-paragrafu 4 tal-memorandum riportat hawn fuq donnu jidher illi d-Direttur ħalla lilu nnifsu jiġi influwenzat fid-deċiżżjoni tiegħu miċ-ċirkostanza, msemmija minnu, li hu sar jaf illi l-appellant ma kienx impjegat mas-St. George's Flour Mills, iżda kien jaħdem fl-uffiċċju Ċentrali tad-ditta Cassar Co. Ltd.

Apparti milli, bħala fatt, il-provi mismugħa donnhom juru illi l-post tax-xogħol ordinarju tal-appellant hu fil-lokali tas-St. George's Flour Mills u mhux fl-uffiċċju ċentrali tas-Soċjeta Cassar Company Ltd. — l-appellant jissottometti illi din il-parti tal-motivazzjoni tad-deċiżżjoni tad-Direttur kienet tinvolvi punt ta' liġi li dwaru d-Direttur "misdirected himself". Is-St. George's Flour Mills hi azienda tas-Soċjeta Cassar Company Ltd. — imma f'dan issens biss — loġikament irrilevanti — illi hu ma kienx impjegat ma' dik l-azienda, ċioe in kwantu biss li, skond il-liġi, l-"employer" tal-appellant, kif ta' dawk kollha li jaħdmu fil-"Flour Mill" hi s-Soċjeta.

In kwantu li d-Direttur seta kien influwenzat fid-deċiżżjoni tiegħu minn dik il-konsiderazzjoni msemmija minnu fil-memorandum tiegħu — ma jidhirx li jista jkun hemm dubbju illi fid-deċiżżjoni kien hemm involut punt ta' liġi.

L-appellant jissottometti wkoll — u dan hu l-punt l-aktar importanti — illi d-deċiżżjoni tad-Direttur kienet tinvolvi punt ta' liġi in kwantu hu **interpreta** d-drittijiet u d-dmirijiet tiegħu rigward ix-xogħol tal-makkinarju. Issa donnu jdher mill-provi illi, għalkemm l-uffiċċju tal-appellant hu disenjat bħala "Laboratory Assistant", fil-fatt hu kien "in complete charge" tal-operazzjonijiet kollha li kellhom x'jaqsmu mal-produzzjoni ta' "animal fodder and food mixtures" — mas-St. George's Flour Mill. Is-Soċjeta li timpjegah tagħtu dak l-inkarigu "mingħajr ma eskludew xejn x'ma kellux jagħmel u lanqas ma speċifikaw ebda ħaġa partikolari li kellu jagħmel, imma tawh id-direzzjoni" ta' dak ix-xogħol. Hekk xehed il-Maġġur Austin Cassar Torreggiani. Jidher ukoll mill-provi illi l-appellant kien ġie mibgħut biex jagħmel *kors l-Ingilterra, teknika u prattika u nofs dan il-kors* hu għamlu — kif xehed — bħala sempliċi impjegat mad-ditta Henry Simmons Ltd. li huma Milling Engineers, f'mill żgħira fejn hu bħall-impjegati l-oħra, kien iħaddem makni u *jmidd idu għax-xogħol li jirrigwarda l-manifattura* ta' "balanced rations."

L-Arbitru deherlu illi d-Deċiżżjoni tad-Direttur ma kienitx tqajjem ebda kwistjoni ta' liġi għaliex l-unika u vera kwistjoni li hu kien mitlub li jiddeċiedi kienet x'kien kompriż fl-isfera tax-xogħol ta' l-appellant: din il-kwistjoni hi dejjem il-kwistjoni bażi biex jiġi deċiż jekk persuna għandhiex dritt għall-benefiċċju dwar disgrazzja tax-xogħol: it-test bażi hu dejjem in-natura, il-kondizzjonijiet, l-obbligazzjonijiet u l-inċidenza tax-xogħol (employment) tal-persuna li tkun korriet. Skond il-Willis "The issues involved in determining whether an accident arose out of and in the course of the employment are merely issues of fact but in part are questions of law. The nature and scope of the employment when these do not depend upon the construc-

tion of a document, such as rules . . . are questions upon which the findings are of fact . . ." Fil-każ presenti ma kienx hemm xi dokument kostitwenti l-kuntratt tax-xogħol tal-appellant jew xi regolamenti dwar l-impjeg tiegħu li dwarhom qamet xi kwistjoni. Għalhekk il-kwistjoni quddiemu — qal l-Arbitru — kienet biss waħda ta' fatt.

Bosta drabi ma hemm xejn aktar diffiċli milli tiddeċiedi fejn hi l-linja ta' demarkazzjoni bejn il-kwistjonijiet ta' liġi u l-kwistjonijiet ta' fatt u ebda kriterji żgur ta' distinzjoni fl-astratt ma jidher li qatt ġie stabilit. Għalhekk l-Qorti tifhem id-diffikolta tal-Arbitru.

*Imma, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ* presenti, il-Qorti, hi nklimata li tirritieni illi l-kwistjoni involuta kienet tmur oltre s-sempliċi konstatazzjoni jew konklużżjoni ta' fatt. Dana ma kienx każ ta' impjegat li kellu xogħol partikolari speċifiku u determinat li għamel xogħol li minnu fih jidher minnu nnifsu li ma kellux relazzjoni max-xogħol partikolari tiegħu. L-appellant, kif intqal, jidher mill-provi li kellu d-direzzjoni ġenerali u r-responsabilita għall-produzzjoni tal-ikel ta' ċerta makni, ankorke t-tħaddim ta' dawn il-makni ma kienx ix-xogħol ordinarju jew, anqas prinċipali tiegħu. Għalkemm f'dan il-każ ma hemmx dokument miktub x'jiġi interpretat, jibqa' b'dana kollu, veru fil-fehma tal-*Qorti illi d-deċiżżjoni tiddependi minn interpretazzjoni jew inferenza* u mhux minn sempliċi verifika jew konstatazzjoni tal-fatti. Assumendo li mhux fatt kontestat jew illi hu fatt pruvat illi l-appellant kellu dik ir-responsabilita ġenerali tad-direzzjoni ta' dik il-kwalita ta' xogħol, il-kwistjoni jekk ix-xogħol li għamel meta korra kienx jidħol jew le fl-impjeg tiegħu tiddependi mill-inferenza li għandha tinġibed minn dak il-fatt. Jekk dan hu hekk, allura fuq l-awtorita ta' l-istess Willis, il-kwistjoni kienet legali. "The inferences to

be drawn from facts as found or as not disputed are questions of law" (op. cit. 34 the Ed. p. 21). Si tratta wkoll li jiġi interpretat, jekk — assumendo dejjem li l-appellant kellu dik ir-responsabilita ġenerali u li hu, biex jista jaqdiha, kien għamel kors ta' studju tal-makni u kien ħadem fuqhom — ix-xogħol li għamel jistax jingħad li kien "different in kind from anything he is required or expected to do . . . or entitled to perform", — u dan li għandu jiġi interpretat mhux x'kien ix-xogħol li hu ordinarjament u presumabilment kien jagħmel imma safejn kienu jwasslu d-drittijiet u dmirijiet ta' l-impieg tiegħu. Forsi għal dan l-iskop tista titfa xi dawl l-opinjoni ta' Lord Wright fil-kawża quddiem il-House of Lords "Cadzon Co. Ltd. vs. Price" (1 All E. (1944) 58).

Fil-fehma tal-Qorti, kif ġa ntqal, dan kien jinvolvi kwistjoni ta' liġi.

Għalhekk ma hemmx għalfejn li l-Qorti teżamina jekk fil-każ presenti kienx anki involut prinċipju ta' importanza u anqas li teżamina l-ilmenti l-oħra ta' l-appellant.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa l-appell, tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tordna li l-atti jiġu rinvjati lill-Arbitru biex hu jieħu konjizzjoni tal-appell magħmul lilu u jiddeċiedi skond il-liġi. L-ispejjeż minħabba ċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa ħlief id-dritt tar-Reġistru li jħallsu l-appellat.